MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Numru 272/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Stephen Francis Galli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Stephen Francis Galli**, bin Servilio u Carmen neé, Ellul, imwieled l-Istati Uniti nhar it-22 ta' Awwissu 1964 u residenti gewwa 17, Milano, Triq San Girgor, Sliema u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 191009(L)

akkuzat talli nhar it-13 ta' Novembru 2013 bejn l-5.00 ta' wara nofsinhar u s-6.00 ta' wara nofsinhar gewwa l-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. ikkommetta serq ta’ kosmetici u fwejjah ghad-detriment ta’ Adrian Mifsud u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

akkuzat talli nhar it-30 ta’ Lulju 2014 bejn l-4.00 ta’ wara nofsinhar u l-5.00 ta’ wara nofsinhar gewwa l-Belt Valletta u f’dawn il-Gzejjer Maltin:

2. ikkommetta serq ta’ kaxxa tad-donazzjonijiet ghall-karita b’ammont inqas minn mitejn Euro (€200) f’muniti ghad-detriment ta’ Adrian Mifsud u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-digriet ghall-helsien mill-arrest mahrug mill-Magistrat Dr. Anthony Vella LL.D. datat 16 ta’ Lulju 2014 u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta;

4. ikkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D. datat l-4 ta’ Ottubru 2012 liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel;

5. ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ *probation* jew matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata hekk kif moghtija nhar it-3 ta’ Marzu 2014 mill-Magistrat Dr. N. Galea Sciberras LL.D., liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel.

6. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-helsien mill-arrest ta’ Stephen Francis Galli u tordna r-riarrest tieghu, kif ukoll tordna li s-somma ta’ elfejn euro (€2,000) bhala garanzija personali, li hija parti mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz id-digriet datat 16 ta’ Lulju 2012 (Dok. “DB 2” – *a fol.* 15), is-sentenza moghtija fl-4 ta’ Ottubru 2012 (Dok. “DB 6” – *a fol.* 31 *et seq.*), u s-sentenza moghtija fit-3 ta’ Marzu 2014 (Dok. “DB 5” – *a fol.* 29 *et seq.*).

Semghet lil uhud mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-21 ta‘ Awwissu 2014.

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2014, lill-imputat jammetti li huwa tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2014, is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat (b'mod partikolari dawk enumerati bin-numri tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5)), l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tieghu (Dok. "DB 4" – *a fol.* 17 *et seq*.), u kif ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont ta' dan, m'hemmx dubju li l-imputat ghandu jinghata piena ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat Artikoli 28B(1), 49, 50, 284, 285, 289 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Stephen Francis Galli hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' disa' (9) xhur prigunerija li kienet giet sospiza ghall-perijodu ta' tlitt (3) snin, tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' tnax (12) il-xahar prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie ikkundannat ghal perjodu komplessiv ta' **wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija**.

Fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru tlieta (3), il-Qorti qed tirrevoka d-Digriet tas-16 ta' Lulju 2014 (Dok. "DB 2" – *a fol.* 15) moghti minn din il-Qorti kif diversament preseduta fejn l-imputat

gie moghti l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imputat.

Finalment, il-Qorti tordna li l-garanzija personali fil-valur ta' € 2,000 (elfejn Euro) moghtija mill-imputat ghall-fini tal-helsien mill-arrest tieghu koncess bid-Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 16 ta' Lulju 2014 ghandha tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------